

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-5 ta' Settembru 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Consiglio di Stato – l-Italja) – Lombardi Srl vs Comune di Auletta, Delta Lavori SpA, Msm Ingegneria Srl

(Kawża C-333/18) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi għal provvisti u għal xogħlijiet – Direttiva 89/665/KEE – Rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni ta' għoti ta' kuntratt pubbliku ppreżentat minn offerent li l-offerta tiegħu ma ntgħażlitx – Rikors inkidental tal-offerent rebbieħ – Ammissibbiltà tar-rikors prinċipali f'każ ta' fondatezza tar-rikors inkidental)

(2019/C 383/27)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Lombardi Srl

Konvenuta: Comune di Auletta, Delta Lavori SpA, Msm Ingegneria Srl

fil-preżenza ta': Robertazzi Costruzioni Srl

Dispożittiv

It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 1(1) u tal-Artikolu 1(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi kif emendata permezz tad-Direttiva 2007/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Diċembru 2007, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jipprekludi li rikors prinċipali ppreżentat minn offerent, li għandu interess li jikseb kuntratt partikolari u li sarlu dannu jew ikun jinsab f'riskju li jsirli dannu permezz ta' ksur allegat tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi jew tar-regoli li jittrasponu dan id-dritt, u intiż għall-esklużjoni ta' offerent ieħor, jiġi ddikjarat inammissibbli b'applikazzjoni tar-regoli tar-regoli jew il-prattiki tal-ġurisprudenza proċedurali nazzjonali, li jirrigwardaw it-trattament tar-rikorsi għal esklużjoni reċiproċi, irrispettivament min-numru ta' parteċipanti fil-proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku u n-numru ta' dawk li ppreżentaw ir-rikorsi.

⁽¹⁾ ĠU C 285, 13.08.2018.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-4 ta' Settembru 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale di Milano – l-Italja) – Avv. Alessandro Salvoni vs Anna Maria Fiermonte

(Kawża C-347/18) ⁽¹⁾

(“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni għudizzjarja f'materji ċivili – Regolament (UE) Nru 1215/2012 – Artikolu 53 – Ċertifikat dwar deċiżjoni f'materja ċivili u kummerċjali li jinsab fl-Anness I – Setgħat tal-qorti tal-oriġini – Verifika ex officio tal-eżistenza ta' ksur tar-regoli ta' ġurisprudenzjoni fil-qasam tal-kuntratti konklużi mill-konsumaturi”)

(2019/C 383/28)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale di Milano